

**Lussemburgu, 14 ta' Ottubru 2024
(OR. en)**

14146/24

**DEVGEN 139
ACP 98
ENV 975
ONU 110
RELEX 1216**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 14 ta' Ottubru 2024

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13832/24 + COR 1

Suġġett: Deżertifikazzjoni, Degradazzjoni tal-Art u Nixfa
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (14 ta' Ottubru 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Deżertifikazzjoni, id-Degradazzjoni tal-Art u n-Nixfa, kif adottati mill-Kunsill fl-4050 laqgħa tiegħu li saret fl-14 ta' Ottubru 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Deżertifikazzjoni, id-Degradazzjoni tal-Art u n-Nixfa**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

1. ITENNI l-impenn tiegħu għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha, b'mod partikolari l-mira 15.3 tal-SDG, biex tiġi miġġielda d-deżertifikazzjoni, jiġu restawrati l-art u l-ħamrija degradati, inkluż l-art affettwata mid-deżertifikazzjoni, min-nixfa u mill-għargħar, u jsir sforz biex tinkiseb dinja newtrali fir-rigward tad-degradazzjoni tal-art sal-2030;
2. IFAKKAR li d-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art u n-nixfa (DLDD) joħolqu sfidi ambjentali, ekonomiċi, soċjali u ta' sigurtà kbar għall-iżvilupp sostenibbli u JINNOTA BI TĦASSIB iż-żieda fil-frekwenza u l-intensità tan-nixfiet u l-aggravar tad-deżertifikazzjoni u tad-degradazzjoni tal-art globalment u ġewwa l-UE; JIDDIKJARA li l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD) hija l-pedament ta' sforzi globali biex jiġu indirizzati d-DLDD;
3. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati li jlaqqgħu flimkien l-organizzazzjonijiet multilaterali, l-amministrazzjonijiet pubbliċi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSOs), is-settur privat, il-komunitajiet lokali, il-bdiewa, il-forestiera, il-pastoralisti u lil dawk li jiġġestixxu l-art, il-Popli Indiġeni u lil utenti oħra tal-art, u ta' alleanzi biex jiġu miġġielda d-DLDD u tinkiseb Newtralità fir-rigward tad-Degradazzjoni tal-Art (LDN), u JILQA' inizjattivi bħall-Alleanza Internazzjonali għar-Reżiljenza għan-Nixfa, il-Ħajt il-Kbir l-Aħdar u l-Aċċelleratur tagħha, u s-Sena Internazzjonali tal-Merġħat Naturali u tal-Pastoralisti, li jikkontribwixxu għall-isforzi globali biex tinbena r-reżiljenza għan-nixfa, tiġi miġġielda d-deżertifikazzjoni, u titwaqqaf u titreġġa' lura d-degradazzjoni tal-art;
4. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rieżami ta' nofs it-terminu tat-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali – It-triq 'il quddiem lejn tranżizzjoni ekoloġika, ġusta u inklużiva għal Ewropa sostenibbli, adottati f'Ġunju 2024, u b'mod partikolari l-appell tagħhom għal approċċ sistemiku u koerenti tal-UE fil-livell internazzjonali biex jiġu indirizzati t-tibdil fil-klima, it-tniġġis, id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-art, it-teħid tal-art u t-telf tal-bijodiversità, speċjalment permezz tal-aċċellerazzjoni u ż-żieda fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura li ġew definiti mill-Ħames Assemblea Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti (UNEP/EA.5/Res.5);

5. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill li japprovaw ir-rakkomandazzjonijiet dwar ir-Rapport Speċjali Nru 33/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Il-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni fl-UE: theddida dejjem akbar li tirrikjedi azzjoni addizzjonali", u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tipproponi Pjan ta' Azzjoni integrat għall-UE kollha għall-ġlieda kontra d-DLDD, bil-għan li tinbena reżiljenza għan-nixfa u li sal-2030 fl-UE tinkiseb Newtralità fir-rigward tad-Degradazzjoni tal-Art, abbażi ta' valutazzjoni sħiħa tal-impatt;
6. JILQA' l-viżjoni ambizzjuża tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030 biex sal-2050 l-ekosistemi tal-ħamrija kollha tal-UE jkunu f'saħħithom, bħala mod biex jitwaqqfu u jitreggħu lura d-deżertifikazzjoni u d-degradazzjoni tal-art u biex jiġi sostnut iċ-ċiklu tal-ilma ekoloġiku li jinfluwenza x-xejriet ta' preċipitazzjoni fuq l-art u jikkontribwixxi għall-konservazzjoni tal-ilma u għar-reżiljenza għan-nixfiet u l-għargħar, kif ukoll il-Missjoni tal-UE "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa" fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u JINNOTA f'dan il-kuntest il-progress li sar fid-diskussjonijiet dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar il-Monitoraġġ u r-Reżiljenza tal-Ħamrija (Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija);
7. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimplimentaw il-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura, bħala kwistjoni ta' prijetà, inkluż soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura li jespandu għall-ġestjoni riġenerattiva tal-art u l-ġestjoni proattiva tan-nixfa;
8. JILQA' l-isforzi kontinwi li qed isiru fil-livell tal-UE biex jiġu identifikati sussidji ta' ħsara għall-ambjent u JISĦAQ FUQ l-importanza li jitqiesu l-impatti tagħhom fuq id-DLDD; JENFASIZZA li jenħtieġ jiġu stabbiliti għanijiet ambizzjużi fuq perjodu ta' żmien medju biex dawn is-sussidji jitneħħew gradwalment jew jiġu riformati;
9. JIRRIKONOXXI l-interkonnnessjoni bejn il-ġestjoni tal-art u tal-ilma; JISSOTTOLINJA l-importanza ta' approċċ integrat għall-ippjanar u l-ġestjoni tan-nixfiet u tal-kundizzjonijiet klimatiċi semi-aridi, u JĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri f'riskju ta' nixfa u/jew ta' skarsezza tal-ilma, biex jellaboraw Pjanijiet ta' Ġestjoni tan-Nixfa kif adatt, ikkoordinati ma' azzjonijiet fil-qafas tal-politiki rilevanti u integrati fihom, inkluż l-ippjanar ġenerali ta' oqsma ta' politika rilevanti, b'mod partikolari dwar il-kwistjonijiet tal-ilma definiti mid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma;
10. JIRRIKONOXXI li l-konservazzjoni tar-riżorsi naturali bħall-art u l-ilma hija kruċjali għas-sigurtà umana u li d-DLDD u l-iskarsezza tal-ilma jistgħu jżidu r-riskju ta' spostamenti furzati, instabbiltà, nuqqas ta' sigurtà u kunflitt;

11. JENFASIZZA l-appoġġ kontinwu li l-UE u l-Istati Membri tagħha qed jipprovdu fil-livell globali, reġjonali u nazzjonali permezz ta' strumenti ta' azzjoni esterna, bħall-istrument NDICI-Ewropa Globali u l-Global Gateway; JISTIEDEN lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex iżidu l-importanza tal-ġestjoni riġenerattiva tal-art u tal-governanza tal-art fl-azzjoni esterna tagħhom u biex ikomplu jrawmu sħubijiet internazzjonali u involviment fil-ġlieda kontra d-DLDD;
12. JENFASIZZA l-importanza li tiżdied l-integrazzjoni ulterjuri tad-DLDD f'politiki u pjanijiet ta' investiment rilevanti f'setturi ta' kooperazzjoni relatati mal-art, b'mod partikolari l-agrikoltura u l-produzzjoni tal-ikel (b'mod partikolari permezz ta' approċċi agroekoloġiċi u tal-pajsaġġ, inkluż l-agrikoltura organika), l-ippjanar tal-art u dak urban, l-infrastruttura u l-ġestjoni tal-ilma; JIRRIKONOXXI l-potenzjal tal-agroekoloġija, il-pajsaġġi tal-foresti u r-restawr tal-ekosistema bħala approċċ integrat u trasversali li joffri benefiċċji multipli mhux biss għar-restawr tal-ħamrija u tal-art u, għat-titjib tal-fertilità, iżda anki għall-bijodiversità u l-ekosistemi, il-ħżin tal-karbonju, l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-effiċjenza fir-riżorsi, is-sigurtà alimentari u nutrizzjonali u l-iżvilupp ekonomiku;
13. JIRRIKONOXXI l-importanza enormi ta' finanzjament koerenti għall-kisba tal-ġestjoni sostenibbli tal-art u tar-restawr tal-art; JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jiġi rieżaminat il-ffinanzjament minn strumenti eżistenti u li jiġu sfruttati sorsi alternattivi ta' finanzjament privat u mħallat, speċjalment bil-għan li jiġu operazzjonalizzati l-azzjonijiet tad-DLDD u jiġu implimentati azzjonijiet ta' restawr tal-ekosistema bbażati fuq l-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura;
14. JENFASIZZA li l-prattiki riġenerattivi tal-ġestjoni tal-art, l-isforzi ta' restawr, u l-azzjonijiet biex jitwaqqfu d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti sal-2030 huma kruċjali biex tinkiseb LDN mad-dinja kollha. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jinkisbu ktajjen tal-valur sostenibbli, traċċabbli u trasparenti li jifirdu l-produzzjoni agrikola mid-deforestazzjoni u mid-degradazzjoni tal-foresti u tal-art, filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-importanza tal-miżuri mil-lat ta' provvista u ta' domanda;
15. JAGĦRAF l-importanza tal-Inizjattiva Twissijiet Bikrija għal Kulħadd tan-NU fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali u tal-integrazzjoni tad-data dwar il-monitoraġġ u t-tbassir tan-nixfa;
16. JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġi segwit l-approċċ "Saħħa Waħda" tad-WHO fil-ġlieda kontra d-DLDD u li jiġu ffaċilitati diskussjonijiet strutturali dwar il-koerenza tal-politika bejn is-setturi u d-dixxiplini rilevanti fil-livell lokali, nazzjonali, reġjonali u internazzjonali;

*IL-PRIJORITAJIET TAL-UE GĦAS-16-IL SESSJONI TAL-KONFERENZA TAL-PARTIJIET
GĦALL-UNCCD U LIL HINN*

17. JIRRIKONOXXI bi tħassib li l-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-art globali qed tiżdied kontinwament u JINNOTA li l-fatturi dominanti li jwasslu għad-degradazzjoni tal-art mad-dinja kollha jinkludu fost l-oħrajn il-ġestjoni mhux sostenibbli tar-riżorsi naturali, it-tibdil fl-użu tal-art, it-telf tal-bijodiversità, l-agrikoltura mhux sostenibbli u l-espansjoni agrikola, id-deforestazzjoni, it-tifrix urban, l-issiġillar tal-ħamrija, id-depopolazzjoni rurali, it-tniġġis, it-tibdil fil-klima, u t-tħaffir fil-minjieri u l-barrieri;
18. JILQA' l-ħidma u JIEĦU NOTA tar-rapporti tal-Grupp ta' Ħidma Intergovernattiv (IWG) dwar in-Nixfa biex jiġu identifikati opzjonijiet għat-titjib tal-ġestjoni proattiva tan-nixfa mad-dinja kollha u tal-IWG dwar l-Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu tal-Qafas Strateġiku tal-UNCCD 2018-2030 biex jiġu identifikati l-prioritajiet u jiġu żviluppatti rakkomandazzjonijiet għat-tieni mandat tal-Qafas Strateġiku tal-UNCCD;
19. JENFASIZZA l-hteġa li tittejjeb l-azzjoni fil-livelli kollha biex jiġu indirizzati d-DLDD u l-fatturi tagħhom, b'mod partikolari billi jiġu integrati u estiżi s-soluzzjonijiet identifikati u ppruvati għall-ġlieda kontra d-DLDD, inkluż il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, l-ekonomija ċirkolari, il-ġestjoni riġenerattiva tal-art, l-agroforestrija u t-tekniki tar-raġha sostenibbli, l-approċċi agroekoloġiċi, u l-ġestjoni proattiva tan-nixfa;
20. Sabiex tinkiseb LDN sal-2030, IĦEĠĠEĠ it-trasformazzjoni tas-sistemi tal-agrikoltura u tal-ikel biex isiru sostenibbli, reżiljenti għan-nixfa u intelliġenti fil-livell klimatiku, abbażi tat-13-il prinċipju tal-agroekoloġija definiti mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sigurtà Alimentari u Nutrizzjonali tal-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija tal-FAO; u JISSOTTOLINJA r-rilevanza tal-kontribut tal-Koalizzjoni tal-Agroekoloġija u l-Inizjattiva internazzjonali "4 għal kull 1000";
21. JENFASIZZA l-hteġa li tissaħħaħ il-bażi tal-għarfien tal-UNCCD u li jittejjeb l-appoġġ ipprovdut permezz tal-Kumitat tax-Xjenza u t-Teknoloġija biex jiġi ffaċilitat teħid ta' deċiżjonijiet aktar infurmat; JISSOTTOLINJA l-hteġa li jissaħħaħ il-forniment ta' għodod utli permezz tal-Interfaċċa Xjenza-Politika (SPI), li jissaħħu l-kollaborazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-SPI, il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi u li jiġu involuti organizzazzjonijiet xjentifiċi internazzjonali u nazzjonali, inkluż l-akkademja, kif ukoll komunitajiet oħra fil-proċess;

22. JENFASIZZA li Segretarjat tal-UNCCD effiċjenti u effettiv u baġit tajjeb li jkun adattat għall-iskop tiegħu b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kosteffettività huma prekundizzjonijiet biex tiġi żgurata ġestjoni amministrattiva u finanzjarja affidabbli tal-UNCCD; ITENNI l-importanza li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Unità ta' Spezzjoni Konġunta u fi djalogu mill-qrib mal-Partijiet tal-UNCCD, b'mod partikolari l-prinċipji ta' governanza tajba, effettività, trasparenza, imparzjalità, akkontabbiltà u ġestjoni tar-riskju;
23. IFAĦĦAR il-kollaborazzjoni tajba bejn il-Fond għall-Ambjent Dinji (GEF) u l-UNCCD, li wasslet għaż-żieda reċenti fl-appoġġ mill-GEF biex il-Pajjiżi Partijiet jiġu megħjuna jikkonformaw mal-obbligi ta' rapportar tagħhom u biex jimplimentaw proġetti u programmi trasformattivi biex jiksbu LDN, inkluż il-miri volontarji tagħhom ta' LDN, u biex ifasslu l-pjan nazzjonali tagħhom dwar in-nixfa;
24. HUWA KONXJU tad-disa' riforniment li jmiss tal-GEF (GEF-9) u JAGĦRAF dan bħala opportunità biex il-Konferenza tal-Partijiet (COP) tal-UNCCD titlob sehem sinifikanti tal-GEF-9 għaż-żona fokali "Degradazzjoni tal-Art", filwaqt li tħeġġeġ kobenefiċċji mal-erba' oqsma fokali l-oħra tal-GEF;
25. JISSOTTOLINJA, f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Abidjan tal-COP-15 tal-UNCCD dwar il-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri għal restawr tal-art b'suċċess, l-importanza tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiżi tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha. Id-drittijiet tan-nisa għall-pussess ta' art, l-involvement tagħhom fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, tal-ippjanar u tal-implimentazzjoni, it-tiżi tal-kapaċitajiet u l-aċċess tagħhom għall-ktajjen tal-valur u għall-għodod ta' finanzjament jeħtieġ li jissaħħu biex tiġi żgurata implimentazzjoni trasformattiva u reattiva għall-kwistjonijiet ta' ġeneru tal-UNCCD;
26. JILQA' t-tlaqqiġ tal-Caucus dwar il-Ġeneru u l-Caucus dwar iż-Żgħażaġħ fil-COP-16 tal-UNCCD bħala pjattaformi ewlenin għall-avvanz tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ekwità interġenerazzjonali fi ħdan l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni;
27. JISSOTTOLINJA, f'konformità mal-Linji Gwida Volontarji tas-CFS dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti, l-importanza ta' pussess sigur għal żvilupp sostenibbli u għall-ġlieda kontra d-DLDD;
28. JENFASIZZA l-importanza tal-parteciġazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Popli Indiġeni fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'konformità mad-dritt għal Kunsens Liberu, Minn Qabel u Infurmat;

29. JENFASIZZA li l-avvanz tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh huwa kruċjali għall-għieda kontra d-DLDD; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li ż-żgħażaġh jingħataw is-setgħa permezz tar-riżorsi, it-taħriġ, il-pjattaformi u l-istrumenti ta' politika meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-missjoni tal-UNCCD;
30. JISĦAQ FUQ l-importanza ta' approċċ li jinvolvi s-soċjetà kollha u ta' parteċipazzjoni inklużiva fit-teħid tad-deċiżjonijiet u JINTRABAT LI jrawwem ambjent abilitanti li jippromwovi l-parteċipazzjoni u l-involvement attiv tas-CSOs fl-UNCCD; JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li s-CSOs u l-Bord tas-CSOs tal-UNCCD jingħataw ir-riżorsi u t-taħriġ adegwati sabiex ikunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-missjoni tal-UNCCD;
31. JILQA' l-Kodiċi ta' Kondotta tan-NU għall-Prevenzjoni tal-Fastidju, Inkluż il-Fastidju Sesswali, u JAPPELLA għall-applikazzjoni u l-implimentazzjoni bla xkiel tiegħu fil-proċessi kollha tal-UNCCD, b'mod partikolari matul konferenzi multilaterali;
32. JISTIEDEN lill-COP tal-UNCCD tqis aħjar l-impatt ta' sussidji ta' ħsara li jikkontribwixxu għad-DLDD; u JĦEĠĠIĠHA bis-sħiħ biex tpoġġi dan is-suġġett fuq l-aġenda tal-COP li jmiss sabiex tinbeda riflessjoni dwar kif dawn is-sussidji għandhom jitneħħew gradwalment u jingħataw skop ġdid lejn prattiki ta' ġestjoni tal-art aktar sostenibbli biex b'hekk jikkontribwixxu wkoll għall-implimentazzjoni tal-mira 18 tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal (K-M GBF);

SINERĠIJI MA' FTEHIMIET AMBJENTALI MULTILATERALI OĦRA U PROĊESSI INTERNAZZJONALI

33. JIRRIKONOXXI l-interdipendenza u l-interkonnessjonijiet bejn id-DLDD, it-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, l-iskarsezza tal-ilma u t-tniġġis; JAFFERMA l-impenn tiegħu li jindirizza dawn l-emerġenzi b'mod effettiv, integrat u koerenti; JENFASIZZA r-rwol essenzjali tal-ġestjoni sostenibbli tal-art u tar-restawr tal-art u l-ħtieġa li tiġi indirizzata r-rabta bejn l-ilma, l-ikel, is-saħħa, l-art, il-bijodiversità, il-klima, id-deforestazzjoni u t-tniġġis b'mod olistiku u integrat bis-sħiħ li jinkludi strateġiji ta' benefiċċju reċiproku, b'salvagwardji soċjali u ambjentali b'saħħithom inkluż permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura kif definiti mill-UNEP/EA.5/Res.5, u approċċi bbażati fuq l-ekosistema; JISĦAQ FUQ il-ħtieġa li jiġu minimizzati l-kompromessi u massimizzati s-sinerġiji;

34. HUWA KONXJU MILL-FATT li s-16-il sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB), id-29 sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u s-16-il sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-UNCCD qed isiru eżatt wara xulxin, li jipprovdi opportunità unika għall-Konvenzjonijiet ta' Rio biex jappoġġaw lil xulxin b'mod reċiproku, jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU u l-kisba tal-SDGs tagħha u jindirizzaw it-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u d-DLDD b'mod sinerġiku;
35. HUWA IMPENJAT BIS-SĦIĦ li jindirizza t-telf tal-bijodiversità, id-degradazzjoni tal-ekosistema, tal-art, tal-ilma u tal-oċeani, it-tibdil fil-klima u t-tniġġis b'mod effettiv u integrat, u għalhekk, JAPPELLA għal kooperazzjoni aktar mill-qrib u msaħħa u għat-tisħiħ tas-sinerġiji bejn it-tliet Konvenzjonijiet ta' Rio u ftehimiet u inizzjattivi multilaterali oħra fil-livelli kollha, inkluż istituzzjonijiet finanzjarji, inizzjattivi rilevanti oħra tan-NU u proċessi internazzjonali;
36. JAPPELLA GĦAL kollaborazzjoni mtejba fost il-KDB, l-UNFCCC u l-UNCCD fil-livelli kollha, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-K-M GBF, il-Ftehim ta' Pariġi u l-Programm għall-Istabbiliment ta' Miri ta' Newtralità fir-rigward tad-Degradazzjoni tal-Art, permezz ta' użu aħjar tal-Grupp ta' Kuntatt Konġunt tal-Konvenzjonijiet ta' Rio, kooperazzjoni mtejba u sinerġiji bejn il-COPs tagħhom fl-2024 u lil hinn, bil-ħsieb li jiġi esplorat ukoll il-potenzjal għal ħidma konġunta bejn il-Konvenzjonijiet, u kollaborazzjoni akbar fil-livell nazzjonali, speċjalment fl-iżvilupp, ir-reviżjoni u l-implimentazzjoni tal-Istrateġiji u Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Bijodiversità, il-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali, il-Pjanijiet ta' Adattament Nazzjonali, il-Programmi ta' Azzjoni Nazzjonali, il-Miri Nazzjonali Volontarji tal-LDN, il-Pjanijiet Nazzjonali għan-Nixfa u l-Perkorsi Nazzjonali għas-Sistemi tal-Ikel;
37. Speċifikament fir-rigward tal-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u l-ħtieġa għat-titjib tal-konservazzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, u konxju mir-riżoluzzjoni tad-19-il sessjoni tal-Forum tan-NU dwar il-Foresti fir-rigward tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Pjan Strateġiku tan-NU dwar il-Foresti u d-deċiżjonijiet sussegwenti tal-FAO/COFO, JAPPELLA biex isir użu aħjar mis-Sħubija Kollaborattiva dwar il-Foresti u biex id-Dipartiment tan-NU għall-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali jsahha l-attivitajiet ta' appoġġ tiegħu orjentati lejn l-interkonnessjonijiet bejn tissaħħa ukoll l-azzjoni transsettorjali proattiva bil-għan li jiġu miġġielda d-DLDD.